# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* IT-TIELET KTIEB TA' L-1938

## RAĠUNI, MHUX ĠLIED U TGĦAJJIR

Il-kelma mwieżna, għaqlija li tirraġuna tirbaħ dejjem; għax jekk ma tasalx biex iddawwar lejna lil dawk li ma jaqblux magħna fil-fehmiet tagħhom, tasal dejjem biex taqilgħelna r-rispett u l-istima tagħhom: il-kelma ħarxa, mqita, ġellieda, bil-maqlub ta' l-oħra, dejjem titlef; għax, imqar jekk tasal biex tagħleb u tħarbat lill-għadu, dejjem tnissel reazzjoni: tirbaħ it-tazza jew il-palju, iżda titlef il-qima u r-rispett ta' dawk kollha li b'fehma tajba jkunu jħarsu biex jaraw kif sa tispiċċa l-partita.

Aħna smajna u qrajna bosta drabi kliem iebes fuq il-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, u aktar fuq is-sistema ta' Ortografija li hi ħadmet u ħatret għaliha; iżda kelma mwieżna, ħelwa, fejjieda minn min ma jaqbelx magħna ma waslitilna qatt.

Qalulna—u din hi waħda mill-ħoxnin—li l-Għaqda ġiet fid-dinja ta' Malta biex tagħmel il-ħsara biss, u ħsara kbira; għax kieku ma kinetx il-Għaqda, il-Malti

kien jibqa' kif kien dejjem, ta' li hu; iservi għat-taħdit ta' kull jum, għal xi għanja mal-kitarra, xi sunett, xi ktejba tif kira, xi ħrafa għall-mogħdija taż-żmien u għal xi riċetta tal-kċina; iżda ma kienx jieħu xejra ta' lsien li jrid jiżżarġan u jippretendi li għandu letteratura u jrid jindehes u jgħodd ma' ilsna oħra li għandhom ħajja ta' bosta mijiet ta' snin u letteraturi tal-għaġeb.

Qalulna mbagħad li l-ortografija tal-Għaqda, bil-*k*, bil-*q*, bid-*w* u bit-tikki tagħha ġiet biex tħabbel il-moħħ l-ewwelnett ta' dawk li ma jafux ħlief bil-Malti, għaliex billi dawn imdorrijin b'ortografija ħielsa minn kull irbit, il-lum isibu ruħhom imfixklin mir-regoli ta' l-azzar ta' l-ortografija tal-Għaqda; imbagħad ta' l-istudenti wkoll, għaliex billi l-ortografija tal-Għaqda ma taqbelx la ma' dik ta' l-Ingliż, anqas ma' dik tat-Taljan, l-istudenti—l-aktar fl-eżamijiet—isibu ruħhom f'għawġ u fi twegħir kbir.

Żiedu qalu li aħna bl-ortografija tagħna ridna nfixklu x-xejra tal-Letteratura maltija, għaliex fil-waqt illi l-letteratura — li hi l-espressjoni safja tar-ruħ tannazzjon — ma taħmel ebda rbit u ebda xkiel, aħna ridna ndaħħlu, b'saħħa, ix-xkiel u r-rbit kollu ta' ortografija mgerfxa, u niddettaw kif għandha tinkiteb illetteratura.

Ma noqogħdux insemmu iżjed, biex ma ndejqux lill-qarrejja tagħna. Iżda dan kollu li aħna smajna u qrajna ma hux ħlief ġlied u tgħajjir li ma fih ebda fejda; għaliex meta wieħed xtaq jagħmel ħaġa tajba,

u ħadem kemm sata' biex dik il-ħaġa sseħħ, u issa rnexxiet li biha wieħed jinqeda tajjeb, għalxejn tħambaq u tgħidlu kliem iebes, jekk inti ma għandekx xi ħaġa aħjar xi tqiegħed minflok dak li għamel hu.

Igħidulna dawn il-ħbieb tagħna għaliex kien ikun aħjar li l-Malti ma rfajniehx mill-marqad tat-tiben li fuqu kien mitfugħ; għaliex is-sistema ta' l-ortografija tal-*Għaqda* hi ħaġa mgerfxa u misterjuża; għaliex fixklet u ħawdet mhux biss lil min ma jafx ħlief bil-Malti, iżda wkoll lil min jaf b'ilsna oħra, igħiduhulna bil-galbu kollu u b'raġunijiet sodi, u aħna nwegħduhom li fejn naraw is-sewwa ninġibdu u nimxu warajh, għax aħna ma ridna qatt ħlief is-sewwa u t-tajjeb.

Iżda raġuni, mhux ġlied u tgħajjir.